MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Mandat Numru. 1365/2007/1

**Charles Azzopardi, Carol Azzopardi, Joseph Azzopardi u Marianne Abela kemm f`isimha proprio kif ukoll bhala mandatarja specjali f`isem l-assenti Edgar Azzopardi u Rose Doherty, ilkoll ahwa Azzopardi**

**vs**

**Andrew Agius u Zoqdi Developers Limited (C10213)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti odjerni iridu jzommu lill-intimati milli jidhlu b`xi mod fil-proprjeta` fil-pussess taghhom bhala utilisti temporanji taggha.

L-intimat fir-risposta tieghu jirribatti li l-art li qed jaghmel ix-xogholijiet hija proprjeta` tieghu.

Il-ligi tipprovdi ghal hrug ta` mandat ta` inibizzjoni jekk dan il-mandat hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet (Art. 873(2) tal-Kap. 12).

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghal dak li rriteniet il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Gambina vs Fithome Ltd (28 ta` Jannar, 2005).

*"F'dak l-istadju l-Qorti ma tkunx qed tidhol fil-mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, izda tkun qed tara jekk jirrizultawx l-elementi imsemmija rikjesti mill-ligi u jekk tkun sodisfatta li hemm ragunijiet prima facie ghaliex it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha, tordna li jinhareg il-mandat. L-iskop tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni mhux li jigi deciz jekk ir-rikorrenti ghandhomx dritt jew le fil-kontroversja imma l-iskop huwa biex tinghata protezzjoni provvizorja sakemm tigi deciza definittivament il-kontroversja u b'hekk il-posizzjoni bejn il-partijiet ma tigix pregudikata irrimedjabillment. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti qabel tordna l-hrug tal-mandat jew tichdu, mhumiex l-istess bhal dawk li taghmel meta tkun ser taghti decizjoni finali fuq il-mertu. Il-finalita', cjoe fejn trid tasal il-Qorti hija differenti - wahda hija protezzjoni provvisjorja u l-ohra hija decizjoni finali fil-mertu. Anke l-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti huma differenti ghax il finalita hija differenti. F'wahda tara jekk prima facie hemmx l-elementi ghal hrug tal-mandat u fl-ohra jekk ir-rikorrent ghandux ragun fil-mertu"*.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tinsab sodisfatta li r-rikorrenti *prima facie* jidhru li ghandhom dritt fuq il-proprjeta` in kwistjoni u li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba definittivament kif dedotta fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------